Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,426, 23 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 253 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar li jemenda l-Ordni dwar Perjodu ta' Kwarantina (Kuntatt ma' persuni oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Perjodu ta' Kwarantina (Kuntatt ma' persuni oħra) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordni dwar Perjodu ta' Kwarantina (Kuntatt ma' persuni oħra) minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ordni prinċipali".

L.S. 465.23.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2020.

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, minnufih qabel il-kliem "l-Ordni dwar Perjodu ta' Kwarantina" għandhom jiżdiedu l-kliem "u/jew," u l-kliem "u/jew l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Estensjoni ta' Pajjiżi)" għandhom jiġu mħassra.